

Brussell, 11 ta' April 2024
(OR. en)

8628/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0344(NLE)

VISA 49
MIGR 160
RELEX 484
COAFR 136
COMIX 168

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Etjopja – Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Etjopja¹.
2. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tat-23 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u sar l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-proposta. Il-proposta ġiet diskussa ulterjorment fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tas-16 ta' Novembru 2023 u d-19 ta' Diċembru 2023. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX Tkeċċija) iddiskuta l-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni tal-Etjopja. Sussegwentement fis-26 ta' Marzu 2024 il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża ddiskuta l-proposta, fejn maġġoranza kbira appoġġat l-adozzjoni tagħha.

¹ 13582/23.

3. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8312/24 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali skont ir-regoli applikabbli.